GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/25*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2010 fit-8.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 24. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse

L-aħħar seduta fuq l-appell li qed iressaq is-Sur Mario Bugeja, inżammet nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju 2010 fis-1.30p.m.
F'din is-seduta kien xehed is-Sindku. Fix-xhieda tiegħu s-Sindku ta deskrizzjoni eżatti ta' kif imxew il-proċeduri fl-għażla li saret tat-tenders li fuqhom qed jitressaq l-appell. Kopja tal-minuti tal-laqgħat kollha qed jinżammu fl-uffiċċju tal-Kunsill.
Is-seduta li jmiss għandha tinżamm nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2010 fil-2.30p.m. fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-Belt Valletta.
Għas-seduta li jmiss għandhom ġie avżat biex jersaq jixhed is-Sur Emmanuel Mintoff li hu l-Viċi-Sindku ħalli jagħti x-xhieda tiegħu fuq il-kas.

### 2. Kostruzzjoni tal-Bankini

Il-kuntrattur lesta minn kollox il-bankina ta' quddiem il-knisja. Issa se titkompla l-bankini li għad fadal tul Triq Dun Karm Caruana.
Il-Kunsill qabel li l-bankina ta' quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali titkompla hekk kif tkun għaddiet il-festa.

**3. Żjara fl-Awstrija**
Fir-rigward taż-żjara li hi ppjanat li ssir f'Lulju għal Ottenschlag, fl-Awstrija, il-Kunsill qed ikompli jagħmel il-preparamenti kollha minn kmieni. Il-grupp kollu se jkun jikkonsisti f'37 persuna.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta l-grupp tagħna se jkun qiegħed fl-Awstrija, aħna se nippreżentaw mejda b'ikel lokali. Ħafna minn l-affarijiet li se nużaw għall-preparazzjoni ta' din il-mejda, xtrajnihom din il-ġimgħa u diġa ntbagħtu ma' Mrs Gudrun Moggach peress li hi kienet sejra bil-karozza tagħha. Kulma fadlilna nixtru huma xi ikel li ma jservix aktar minn ftit ġranet u għalek dan se neħduh magħna.
Meta nkunu hemmhekk imbagħad se nippreżentaw mejda bl-ikel lokali.
Is-Sindku qal ukoll li fil-preżent is-Sindku ta' Ottenschlag fejn sejrin aħna ma għadux Roman Tiefenbacher iżda kienet maħtura mara bħala Sindku. Din is-Sindku l-ġdida taħdem ukoll fl-iskola tat-turiżmu u tixtieq ħafna li meta mmorru hemmhekk, nieħdu magħna żewġ rappreżentanti mill-Institute of Tourism Studies ta' Għawdex biex b'hekk jinbeda kuntatt bejniethom u jkunu jistgħu fil-futur jagħmlu skambi edukattivi.
Il-Kunsill qabel li jkun sewwa li nieħdu magħna żewġ rappreżentanti mill-iskola tal-ITS u li l-ispejjeż involuti jkunu sponsorjati mill-Kunsill.
**4. Rappreżentanza fin-"Notte Gozitana"**
Għal stedina li tressqet mill-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill qabel li għal din is-sena wkoll, nerġgħu nipparteċipaw fl-attivita li se tittella' fl-aħħar ta' Mejju fit-toroq prinċipali tar-Rabat.
Kull Kunsill Lokali se jkollu "stand" fejn ikun jista' jippreżenta xi attivita li ssir fil-lokalita rispettiva tiegħu. Fir-rigward ta' dan il-Kunsill Lokali, se jkun hemm wirja ta' xogħol fuq il-metall li qed tittella minn Jackie Roberts.
**5. Tindif fil-Wied Sara**
F'dan il-wied sar xi tindif ta' ħamrija ħalli b'hekk il-bdiewa jkunu jistgħu jgħaddu għall-egħlieqi tagħhom. Xogħol fl-istess post għandu jsir fil-futur mill-Ministeru għal Għawdex.

**IV. Korrispondenza**

i. Ittra mill-MEPA fejn qed ikun offrut li l-Kunsill Lokali jista' jniżżel b'xejn sa 50 rapport ta' l-applikazzjoni tal-ippjanar mis-sit ta' l-istess awtorita.

ii. Il-President tal-AKL qed javża li l-laqgħa tas-Sindki li kellha ssir fl-14 u 15 ta' Mejju kellha tiġi mħassra minħabba attivitajiet oħra politiċi.

iii. Il-Ministeru għal Għawdex qed jibgħat informazzjoni li tista' tingħata mill-Kunsill lir-residenti dwar l-iskema tal-ispiżerija ta' l-għażla tiegħek.

iv. Il-laqgħa dwar il-Programm "Lifelong Learning" se ssir nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju fis-sala tal-Kunsill Lokali Nadur.

**V. Mozzjonijiet**
**1. Attivitajiet mill-Kunsill Lokali għall-Festa**
L-attivitajiet li l-Kunsill se jżomm għall-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa Parrokkjali ta' din is-sena se jikkonsistu kif ġej :
L-Erbgħa 2 ta' Ġunju fit-8,00p.m. – Logħob għal Kull Eta. Din se tkun serata fuq l-istess għamla tas-snin ta' qabel fejn se jiġu organiżżati logħob li fihom jipparteċipa kulħadd.
Kull min se jipparteċipa se jingħata premju kemm fil-logħob kompetittiv u wkoll f'dawk spontanji. Kull kompetitur se jingħata flokk bl-emblema tal-Kunsill Lokali fuqu.
Il-Ħadd 6 ta' Ġunju fit-3,00p.m. – Tiġrijiet tal-Ponijiet. Għal din il-kompetizzjoni din is-sena mhux se jingħataw tazzi jew inkella xi lbies jew għalf għall-bhejjem, iżda l-Kunsill ħaseb li l-ammonti li jidħlu mill-kitba tal-kompetituri, jingħata f'rigali fi flus. B'hekk kull min jirbaħ ikun ċert li qed jieħu dak l-ammont li jkun rebaħ.

**VI Materji Oħra**

**1. Ħsarat fil-Linji ta' l-Elettriku**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kap Enginier tal-Enemalta f'Għawdex, kienet ikkuntattjatu u ressqet quddiemu l-problema tal-ħsarat li qed jiġrilhom il-linji ta' l-elettriku li għaddejjin minn quddiem il-Lighthouse Self Service. Dawn qed ikollhom ħsarat regolari peress li għaddejjin minn fuq il-bankina u hemm is-siġar li kibru ħafna u qed jiġbdu l-linji ta' l-elettriku u anke l-arbli.

L-Enemalta kienu se jippruvaw jgħaddu linji ġodda mill-ġenb l-ieħor tat-triq, iżda nstab li l-ħajt hu dgħajef ħafna u jista' jinqaleb b'kollox.

Kien għalhekk issuġġerit mill-Enemalta li ma' dan il-ħajt għoli tinbena bankina u l-arbli jitwaħħlu fuq in-naħa ta' barra tal-bankina. Suġġeriment ieħor kien li fejn hemm il-bankina eżistenti, jsir gandott u jitgħadda cable minn taħt l-art. It-tielet suġġeriment kien li jinqalgħu s-siġar kollha u mbagħad il-linji jistgħu jitħallew fejn huma fil-preżent.

Il-Kunsill ikkunsidra dawn il-proposti u ddeċieda li l-aħjar u l-inqas li l-Kunsill jista' jkun involut fi spejjeż hu li jinqatgħu s-siġar u b'hekk insolvu l-problema malajr.

Wara mbagħad inkunu nistgħu nerġgħu nagħmlu bankina ġdida u nħawwlu siġar li ma jogħlewx ħafna li jlaħħqu sal-linji ta' l-elettriku.

Għax-xogħol tal-qtugħ tas-siġar għandu jinstab xi ħadd li jaqtagħhom mingħajr l-ebda ħlas peress li hu se jitħalla jieħu iż-zkuk li jinqatgħu.

**2. Ħaddiema tal-IPSL**

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed joffri li dawk il-ħaddiema tal-IPSL li huma ngaġġati mal-Kunsilli Lokali jistgħu jgħażlu li jibqgħu mal-Kunsilli jew inkella jintbagħtu f'pool mal-ministeru.

**3. Ftehim mal-Green MT**

Dan il-Kunsill Lokali flimkien ma' għaxar Kunsilli Lokali Għawdxin oħra laħqu ftehim mal-Kumpanija Green MT dwar il-ġbir ta' skart riċiklat fil-lokalitajiet rispettivi.

Dan il-ftehim kien iffirmat waqt okkażjoni li nżammet nhar il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010.

Permezz ta' dan il-ftehim il-Kunsilli Lokali kollha ta' Għawdex għajr għal tlieta, se jibdew joperaw skema tal-ġbir ta' skart reċiklat mill-kumpanija Green MT.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju 2010 fit-8.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________